



Anki fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira minħabba problemi tekniċi mhux mistennija, it-trasportaturi tal-ajru huma marbuta li jikkompensaw lill-passiġġieri

Madankollu, ċerti problemi tekniċi li jirriżultaw, b'mod partikolari, minn difetti moħbija ta' fabbrikazzjoni li jaffettwaw is-sgurtà tat-titjiriet jew minn atti ta' sabutaġġ jew ta' terroriżmu jistgħu jeżentaw it-trasportaturi mill-obbligu tagħhom ta' kumpens

Fil-każ ta' kanċellazzjoni ta' titjira, it-trasportatur tal-ajru huwa marbut, bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni¹, li jipprovdi assistenza lill-passiġġieri kif ukoll kumpens (bejn 250 u 600 EUR, skont id-distanza). Huwa madankollu ma huwiex obligat iħallas kumpens jekk ikun jista' juri li l-kanċellazzjoni tkun ġiet ikkawżata minn ċirkustanzi straordinarji li ma setgħux jiġu evitati anki jekk ikunu ttieħdu l-miżuri raġonevoli kollha.

Is-Sinjura Van der Lans kellha riżervazzjoni ta' biljett tal-ajru fuq titjira operata minn KLM bejn Quito (l-Ekwador) lejn Amsterdam (il-Pajjiżi l-Baxxi). L-ajruplan wasal Amsterdam disġha u għoxrin siegħa tard. Skont KLM, id-dewmien kien dovut għal ċirkustanzi straordinarji, jiġifieri żewġ difetti flimkien: żewġ komponenti, il-pompa tal-karburant u l-unità idromekkanika, kienu direttużi. Dawn il-komponenti, li ma kinux disponibbli, kellhom jintbagħtu bl-ajruplan minn Amsterdam, sabiex b'hekk jiġu installati fl-ajruplan ikkonċernat. KLM irrimarkat ukoll li l-komponenti difettużi ma kinux qabżu l-medja tat-tul tal-ħajja tagħhom u li l-produttur tagħhom ma kien ipprova l-ebda indikazzjoni speċifika li setgħu jseħħu ċerti difetti ladarba dawn il-komponenti jilħqu ċertu tul ta' ħajja.

Is-Sinjura Van der Lans ressqet kawża quddiem ir-Rechtbank Amsterdam (tribunal ta' Amsterdam), li ddeċieda jagħmel domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Essenzjalment, huwa jrid isir jaf jekk problema teknika, li ma tkunx mistennija, li ma tkunx dovuta għal manutenzjoni difettuża u li ma tkunx ġiet skoperta matul kontrolli regolari ta' manutenzjoni, taqax taħt il-kunċett ta' "ċirkostanzi straordinarji", u b'hekk jeżentaw lit-trasportatur mill-obbligu tiegħu ta' kumpens.

Fis-sentenza tagħha ta' llum, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar qabel kollox li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li problemi tekniċi jistgħu effettivament jitqiesu li jaqgħu taħt ċirkustanzi straordinarji. Madankollu, iċ-ċirkustanzi meta jseħħu dawn il-problemi ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala "straordinarji", sakemm dawn ma jkunux relatati ma' avveniment li ma jkunx marbut mal-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur tal-ajru kkonċernat u jmur lil hinn mill-kontroll effettiv tiegħu minħabba n-natura jew l-oriġini tiegħu.² Dan ikun il-każ, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, fis-sitwazzjoni fejn jiġi rrilevat mill-produttur tal-apparati li jikkostitwixxu l-flotta tat-trasportatur tal-ajru kkonċernat, jew minn awtorità kompetenti, li dawn l-apparati, meta jkunu diġà qed jintużaw, ikollhom difett moħbi ta' manifattura li jaffettwa s-sigurtà tat-titjiriet. L-istess jgħodd għall-preżenza ta' ħsarat ikkawżati lill-ajruplani minn atti ta' sabotaġġ jew ta' terroriżmu.

Madankollu, billi l-funzjonament ta' ajruplani jwassal inevitabilment għal problemi tekniċi, it-trasportaturi tal-ajru jiffaċċjaw regolarment, fil-kuntest tal-attività tagħhom, tali problemi. F'dan ir-

¹ Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitlegħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

² Ara s-sentenza Wallentin-Hermann, [C-549/07](#), Stqarrija għall-istampa Nru [100/08](#).

rigward, problemi tekniċi li jirriżultaw matul il-manutenzjoni tal-ajruplani jew minħabba nuqqas ta' din il-manutenzjoni ma jistgħux jikkostitwixxu, fihom infushom, "ċirkostanzi straordinari".

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li nuqqas ikkawżat mill-ħsara prematura ta' ċerti komponenti ta' ajruplan tikkostitwixxi, ċertament, avveniment mhux mistenni. Madankollu, tali ħsara tibqa' intrinsikament marbuta mas-sistema ta' funzjonament kumplessa ħafna tal-apparat, liema sistema tintuża mit-trasportatur tal-ajru f'kundizzjonijiet, b'mod partikolari tat-temp, li spiss huma diffiċli jekk mhux estremi, fejn barra minn hekk huwa sottointiż li kull komponent ta' ajruplan jista' jinbidel.

Għaldaqstant, fil-kuntest tal-attività ta' trasportatur tal-ajru, dan l-avveniment mhux mistenni huwa parti mill-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur tal-ajru, billi dan it-trasportatur jiffaċċja, regolarment, dan it-tip ta' problemi tekniċi mhux previsti. Barra minn hekk, il-prevenzjoni ta' tali ħsara jew it-tiswija li tirriżulta minnha, inkluża s-sostituzzjoni ta' komponent difettuż b'mod prematur, ma tmurx lil hinn mill-kontroll effettiv tat-trasportatur tal-ajru kkonċernat, peress li huwa dan tal-aħħar li għandu jiżgura l-manutenzjoni u l-funzjonament tajjeb tal-ajruplani li huwa juża għall-finijiet tal-attivitàjiet ekonomiċi tiegħu.

Konsegwentement, problema teknika bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax taqa' taħt il-kunċett ta' "ċirkostanzi straordinari".

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li l-obbligi imposti, bis-saħħa tad-dritt Ewropew, ma jeskludux li l-imsemmi trasportatur jittlob kumpens mingħand kull persuna li tkun ikkawżat id-dewmien, bħall-produttur ta' ċerti komponenti difettużi.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

[It-test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106